# IL-FRATELLANZI TAS-SNAJJA'

Lorenzo Zahra

Fil-knisja parrokkjali kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta wieħed jista' josserva l-kappelli bl-altari tagħhom li dari kienu jiffurmaw parti mill-ħajja soċjali tagħna. Dan għax kienu jappartjenu lill-fratellanzi marbutin mal-mestier ta' l-imseħbin.

B'hekk naraw il-kappella ta' San Mikiel li dari kellha fratellanza mwaqqfa fl-1644, l-aktar għal dawk li kienu jinnegozjaw fil-laħam u l-ħaxix, għalhekk il-miżien kien l-emblema tagħhom. Naraw il-kappella ta' San Martin bil-fratellanza mwaqqfa fl-1620 li kien patrun tal-ħaddiema tal-lukandi u ħwienet ta' l-ikel. Fis-sena 1611 twaqqfet il-fratellanza ta' Sant Omobonu li kienet tiġbor fiha l-ħajjata u l-bejjiegħa tal-ħwejjeġ. Grupp ieħor kien dak ta' l-arġentiera li kienu miġbura fil-fratellanza ta' Sant Elena imwaqqfa fl-1607. L-iskrapan kienu fi fratellanza taħt il-protezzjoni ta' San Krispin u San Krispinjanu. Fi knejjes oħra hemm fratellanzi oħra, bħal ngħidu aħna, f'Santu Wistin kien hemm fratellanza ta' San Kristofru għall-ħaddiema tal-ġarr li twaqqfet fl-1634. Fil-knisja ta' San Franġisk, fl-1635 twaqqfet dik tat-tobba taħt il-protezzjoni ta' San Kosma u San Damjan. Saħansitra l-barbiera kellhom il-fratellanza tagħhom li twaqqfet fl-1797 li għal bidu kienet fil-knisja tal-Ġiżwiti taħt il-protezzjoni ta' San Luigi re ta' Franza. Fratellanza oħra kienet dik tal-baħħara bi protettur tagħha San Franġisk de Paola, annessa mal-knisja ta' Santa Luċija.

Il-barklori kellhom fratellanza fil-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla u fil-parroċċa kien hemm dik ta' Sant Andrija għas-sajjieda. Fl-Isla, il-fratellanza tal-Madonna tal-Ħniena, msejħa Tal-Karita għall-iskjavi u servjenti. Fil-Birgu kien hemm dik ta' San Ġużepp għall-mastrudaxxi, u l-kurdara kellhom dik ta' Santa Katarina. F'Għawdex, fil-knisja ta' San Ġorġ kien hemm tal-ħwienet u l-bejjiegħa fil-fratellanza ta' San Mikiel. Fi żmien l-Ordni, il-Gran Mastru kien jista' jżid ir-rappreżentanti tas-snajja' fil-kunsill; Perellos kien żied tal-landiera.

Ta' nteress hu l-fatt li, meta kellna t-tmexxija ta' l-Universitas bil-kunsill, għal kull sena' kien ikun hemm konslu biex jista' jagħti parir dwar min jista' jingħata liċenzja f'dik is-sena' partikolari. B'eżempju nafu li Nettu Cristoforo tal-fratellanza ta' Sant Omobono tal-Birgu li kien jirrappreżenta t-tlitt ibliet ried jagħti permess lil ċertu Adamo jiftaħ ħanut ta' ħajjat; l-imħallef tal-kriminal kien oġġezzjona għax dan Adamo kien jaħdem ma' Nettu u ried jissuġġetah għal eżami għand Ċensu, l-konslu tal-fratellanza tal-Belt Valletta. Dan ġara fl-1804 meta kienet għadha tibda l-ħakma Ingliża. Mhux ta' min jinsa li l-konsli tas-snajja' Maltin kienu jmorru Sqallija għall-laqgħat dwar il-mestjeri tagħhom.

# FATATI FIL-BIRGU

Fl-imgħoddi konna nisimgħu xi stejjer li kienu jirrakuntaw uħud li fihom kienu jgħidu li raw xi ħaġa stramba. Aktarx kienu jgħidu li raw ħares jew fatat. Ukoll fil-Birgu hemm djar partikolari li jingħad li fihom raw il-ħares. Hawn min jgħid li tkun xi ruħ qed tistenna t-talb. Jista' jkun li hemm xi obbligi fuq dar li ma jkunux qed jitwettqu?

Fil-Birgu kellna dar li jgħidu li fiha kien jidher qassis bla ras, u jingħad li f'dik id-dar xi darba kien hemm kjeriku li safa mitfugħ fil-forn. Il-Kanonku Dun G.M.Farrugia kien jirrakkonta li meta l-werriet kjeriku ġie l-Birgu mill-Imdina jżur lil qrabatu ma deherx aktar u jingħad li biex jeħdulu sehemu tefgħuh fil-forn; in-nies raw biss il-ħmara tiegħu li kien ħalla marbuta mal-ħadid tal-monument tal-Vitorja fil-pjazza.

Meta din id-dar kienet inkriet b'ċens għal ħames snin, min kien jabita fiha jgħid li kien jara 'l dan il-qassis bla ras, u minħabba l-biża' kellu jikri band'oħra, imma kellu jibqa' jħallas iċ-

cens sa ma ghalaq. Jghidu ll meta l-Beata Emilia de Vlalar kienet ġlet ll-Blrgu u fethet skola fll-Palazz Bettina, dan ll-post kienet krletu ghal hames snln, Iżda wara sentejn kellha tabbandunah u tmur fll-Belt Valletta ghax lt-tfajllet *boarders* kienu qalu ll raw qassls bla ras.

Jghidu ll fll-Kastell Sant' Anġlu kienet tidher forma ta' xbejba. Jghidu ll ma rawhiex ll-Maltin biss, ghax ll meta hemm kienu Jghixu bosta bahrin Ingllżl dawn kienu jghidu ll waqt l-ghassa ta' fail-le] l ġie ll rawha ghaddeja u kienu laqqmuha *The Grey Lady.* Is-Sur John Powell, ll ghadu mlmli bil-ghomor, Jghid ll meta kien bahri u jmissu ghassa fail-lejl fll-Kastell Sant' Anġlu kien raha nieżla t-taraġ li hemm g hat-to rri Tal-Bandiera jew *Saluting Tower.*

Fl-istess kastell, meta flt-Tleni Gwerra Dinjija kien okkupat minn hafna bahrin Maltin u Ingliżi kienu haffru xelters fil-blat u fwiehed minn dawn fejn kienu jinġabru ghar-rikreazzjoni darba raw jittajjar farfett il-lejl sewdieni u bill! deherilhom li din kienet haġa stramba huma laqqmu l-post *The Black Bat* Iżda uhud sthajluh fatat jew hares.

Hemm min jghid ll fl-imghoddi fSant' Anġlu ġie li deher serp kbir u kienu jemmnu li jekk jidher dak is-serp kbir tkun ġejja xi diżgrazzja fpajjiżna.

Jien u ghaddej minn Triq it-Tramuntana fil-Birgu, fuq bieb imbarrat bil-haġar nara skrlzzjoni ll difficli tinqara min ħabba ll ghadda ż-żmien minn fuqha. Il-kitba titfa' dawl fuq piżijlet ta' talb Jew quddies ghall-erwieh, ghax dari kienu bosta dawk ll, qabel imorru d-dlnja l-ohra, fit-testment kienu jordnaw ll mld-dhul ta' dik ld-dar kellu Jslr xi quddies ghal ruhhom. Dnub ll skrlzzjonljiet bhal dawn ma naghtux kashom, ghax dawn Jumna l-passat taghna meta maghhom konna nassoċjaw ghajdut dwar dehrlet ta' spirti.

Min qara l-ktieb tas-Sur Anton Attard dwar ll-M.U.S.E.U.M. tad-duttrlna fil-Blrgu Jaqra ll meta nfetah dan ll-post fDar fż-Żenqa fi Triq Santa Skolastika, mhux darba u tnejn xi soci kienu Jlsimghu tahbit u hsejjes bla ma jaraw lll hadd. Meta qalu b'dan lll Dun Óorg Preca hu kien lrrfkmandalhom biex jissuffragaw kemm Jistghu illl-erwieh.

Lorenzo Zahra

# TIBŻAX MINNI: JIEN TARANS

Ommi hi mora rahlija ll ghadha temmen bil-ħares. Tghld hafna stejjer li issa smajna' hafna bħafhom: ll-hares li jibdel il-flus f'bebbux, nìes li qalghu xi xebgħa kbira mill-hares, djar E fihom bil-lejl jaraw xi purèlsjoni b'xi tebut, eċċ. Imma fost l-ohrajn tghid storja li fiha jissemma karattru li qatt ma smajt lll haddiehor isemmlh. ll istorja hi din:

Mz^żija Mari' kellha kamra li kienet MffiÈÈ$^*9> Kienet iżżomni hafna hsajjar u tapitl, li ma tkunx qed tuża, irrumbiati u mqleghda ;f xi rokna go fiha. Kull darba li kienet tghaddi minn quddiem il-kamra kien johroġ ll-hares minn ġot-taplti u jdoqq ll-fllexken. U kien idoqqhom sabih. U kien jghidilha: "Tibżax minni: jien TARANS",

Din l-istorja ghandha bżonn xi ftit tifsir. (1) ll-kelma Tarans" tinghad bl-istess accenti tal-kelma 'Kalanġ' jew 'Parank'. (2) ldoqq il-fliexken jlġifieri ll l-hares lkollu fllxkun f kull id u jcekclkhom ma' xulxln biex joħroġ boss mużikali bhal meta xi hadd idoqq b'xi kuċċarina fuq xi tazzl.

Ommi m'ghandha l-ebda spjegazzjoni ohra hlief li Tarans hu hares li ma tlbiax mlnnu ghax mhux talli mhux vendikattlv u ma Jaghmilx hsara, lmma talli Jaghmel affarijiet sbieh bhal, nghidu ahna, Jdoqq mużlka tajbal

Peress ll dejjem kelll kurllta' fuq dll-kelma Tarans' u qatt ma slbt lll hadd li seta' jilluminani fuqha, ftit ilu fettilli nfittex fl-kelma *H-fn fernet* B'ghageb kbir tìeghi, skond l-*intemet, 'Tarans'* fil-folklor SKOĊĊIŻ huma l-erwleh ta' tfal li jmutu mhux imghammda, li kienu jhufu fil-boskijiet waqt ti jnewwhu ghax ma jlstghux Jldhlu l-ġenna. Slbt dll-poeżfja:

TARAN'S TEARS

Haunting melodies through highland pis
Tarans[1] tears, lives unfufflled
The cries of babes, unbaptised souls
Whimpering, pitiful sounds of woe.

Will someone sooth them please?
Hear their tears rustling through the

I cannot gather them In my arms
Òr keep them safe from further harm.

They did no wrong, but died too soon
Now forever the babes are doomed
To wander highand hills unknown
Poor frightened children, all alone.

Where is the Christ who loves us all?
Why doesn't he answer the tarans*

Listen now to a mother's plea
And from their torment set them free!

Il-Kelma Tarans* li taf ommi, u l-kelma Tarans* ta' *Uintemet* x'aktarx li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxln. Staqsejt till nnifsi Jekk fil-famHJa tieghl qattx kien hemm xi kuntatt ma*, nghidu ahna, Xi Inglizi li setghu influwenzaw lll -ziti. Imma skond ommi, z-zija Mari' qatt ma kienet seftura ma' Mngllżi, u kemm hi u kemm ommi trabbew ir-rahal, maqtughin minn influwenzi barranin.
Jiġlfierl lt bqajt ma qtajtx ll-kurtita' u Jekk hawn xi hadd ll sema' bil-kelma Tarans' f'kuntest Malti nlehu pjeclr hafna Jekk jibghat jgharraf llll-lmnara.

ĠUŻI GATT